MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1118/1996/1

**Francesco PSAILA u Carmel Psaila, u b'Degriet tal-14 ta' Ġunju, 1999, l-atti ġew leġittimati f'isem Antonio, Mary, Joseph, Emanuel, Grace u Charles aħwa Psaila, konsegwenti l-mewt ta' Carmel Psaila; u b'Degriet tat-28 ta' Settembru, 1999, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Anthony Psaila konsegwenti l-mewt ta' Francesco Psaila**

**vs**

**DIRETTUR ĠENERALI (DRAINAGE DEPARTMENT) u Direttur Ġenerali (Works Department) u b'Nota mressqa fis-17 ta' Marzu, 2005, il-Korporazzjoni Dwar is-Servizzi tal-Ilma assumiet l-atti tal-kawża minflok id-Direttur Ġenerali (Works Department)**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-9 ta' April, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li jiġi dikjarat

li l-ġid tagħhom (djar fejn jgħixu) ġarrab ħsara b'għargħar minħabba xogħlijiet li saru mid-dipartimenti mħarrkin f'parti mit-triq li tiġi quddiem l-imsemmi ġid. Talbu wkoll li l-imħarrkin jiġu kundannati jagħmlu x-xogħlijiet rimedjali meħtieġa biex jiġu mneħħija l-kawżi tal-ħsarat, u wkoll li ssir il-likwidazzjoni tad-danni li ġarrbu u l-kundanna tal-imħarrkin, jew min minnhom, għall-ħlas tal-imsemmija danni;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-24 ta' Ġunju, 1996, li biha l-imħarrkin warrbu l-pretensjonijiet tal-atturi u żiedu jgħidu li l-kawża saret għal xejn għaliex huma kienu lesti bonarjament li jagħmlu tajjeb għal kull ħsara li setgħet saret fil-ġid tal-atturi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta' Ottubru, 1996, li bih ħatret lill-Perit Arkitett David Pace biex jirrelata dwar l-aspetti tekniċi tal-każ;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmi Perit Tekniku fl-14 ta' April, 2004[1], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-10 ta' Novembru, 2004;

Semgħet lill-istess perit jixhed in eskussjoni;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-12 ta' Jannar, 2005[2], li bih l-atturi iddikjaraw li joqogħdu għall-konklużjonijiet milħuqa fir-rapport peritali;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fid-19 ta' April, 2005[3], mill-imħarrka Korporazzjoni Dwar is-Servizzi tal-Ilma;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-2 ta' Mejju, 2005[4], bi tweġiba għan-Nota tal-Korporazzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Paġġ. 84 sa 103 tal-proċess
[2] Paġ. 183 tal-proċess
[3] Paġ. 186 tal-proċess
[4] Paġġ. 188-9 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni mnissla minn xogħlijiet pubbliċi li saru quddiem ġid tal-atturi. L-atturi, sidien ta' żewġt idjar fejn xulxin fi Triq is-Salini f'Wied il-Għajn, jgħidu li ġarrbu danni fi ħwejjiġhom b'xogħlijiet li saru fit-triq ta' quddiemhom biex sar *promenade* ġdid. Jgħidu li, filwaqt li qabel, it-triq kienet taqleb lejn il-baħar, bix-xogħlijiet il-ġodda ġiet taqleb lejn id-djar tagħhom, minbarra li, quddiem l-istess djar, sar maqgħad fejn jinġema' l-ilma. Minbarra dan, intmess is-sistema tal-katusi tad-drenaġġ, staddu xi katusi tad-drenaġġ fid-dar tagħhom u, meta tagħmel ix-xita, jistgħadar kull m'hemm. Minbarra l-umdita' fil-post, kellhom għamara li tgħarrqet bl-ilma li daħal. Qegħdin jitolbu li jsiru xogħlijiet rimedjali u li l-imħarrkin jagħmlu tajjeb għall-ħsara mġarrba;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li l-kawża saret għal xejn għaliex it-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa u li kien intlaħaq qbil mal-aturi biex xi ħsara li setgħet ġarrbet il-proprjeta' tagħhom tissewwa;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-atturi Francesco u Carmelo Psaila kienu aħwa. Kellhom żewġ postijiet terrani jmissu ma' xulxin fi Triq is-Salini f'Wied il-Għajn: post kien iġib l-isem ta' "*Perla*", filwaqt li l-ieħor, fuq in-naħa tal-lemin tiegħu mal-faċċata tat-triq, kien iġib l-isem ta' "*Sea View*". Għalkemm l-atturi kienu jgħixu f'Ħaż-Żabbar, il-postijiet imsemmija kienu jgħixu fihom xi wħud mill-atturi l-oħrajn bħala d-djar tar-residenza tagħhom[5] għal xi żmien, u mbagħad baqgħu jintużaw bħala postijiet għall-villeġġatura;

[5] Xhieda ta' Anthony Psaila 19.5.1997, f'paġ. 137 tal-proċess

Illi xi snin wara li l-istess djar kienu nbnew, saru xogħlijiet ta' twessigħ u bdil tal-wiċċ fit-triq ta' quddiemhom, wara li nbniet lukanda fil-qrib. Ġara li d-djar tal-atturi ġew taħt il-livell tat-triq. Sewwasew quddiem id-djar tal-atturi, sar gandott (*culvert*) biex jilqa' ġo fih l-ilma li jaqa' fuq l-istess triq mill-inħawi tal-qrib. Dan il-gandott kien mgħotti bi sprall li kien jixħet għal ġo żewġ katusi m'usa' mat-tletin ċentimetru (30 cm) kull waħda minhom;

Illi reġgħu saru xogħlijiet oħrajn bejn Mejju u Ġunju tal-1995, meta ddaħħal is-sistema tad-drenaġġ. Kien f'din l-okkażjoni li ntmessu l-katusi li kienu jmexxu l-ilma li jaqa' fit-triq (billi nbidlu b'oħrajn u tqegħdu f'livell ogħla minn dawk it-tnejn li kien hemm qabel) u kif ukoll ittiefset (billi staddet bil-konkos) il-medda ta' katusi li kienet tarmi 'l barra l-ilma fil-bitħa tal-post tal-attur Carmelo Psaila, bil-ħsieb li l-ilma li jinġema' barra d-dar ma jidħolx sa ġewwa;

Illi jirriżulta li fil-postijiet kien daħal ilma biss meta għamlu l-għargħar tal-1979, iżda wara li saru x-xogħlijiet fis-sistema tad-drenaġġ fl-1995, l-ilma kien jgħarrgħar id-djar tal-atturi kważi kull darba li tagħmel ix-xita, wkoll jekk ma kinitx tkun bil-qliel. L-atturi kienu qabbdu perit biex jagħti l-fehma tiegħu dwar kif id-djar tagħhom kienu stgħadru[6]. Saru aċċessi fuq il-post u laqgħat bejn il-partijiet u l-periti tagħhom, iżda l-qagħda baqgħet ma nbidlitx. F'April tal-1996, infetħet il-kawża. Wara li kienet tressqet il-kawża, kienet reġgħet infetħet it-triq ta' quddiem il-postijiet u saret medda ta' katusi ġodda[7];

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ</u> jibda biex jingħad li din l-azzjoni ta' danni tirreferi għal xilja li l-ħsara mġarrba hija l-konsegwenza ta' xogħlijiet pubbliċi. F'din il-kawża, l-imħarrkin huma dipartimenti jew enti governattivi jew pubbliċi. Fis-sewwa, huma m'humiex jiċħdu li kienu wettqu xogħol fit-triq quddiem il-postijiet tal-atturi. Min-naħa l-oħra, filwaqt li lanqas ma huma qegħdin jaċċettaw ir-responsabbilta' tagħhom għal dak li seħħ fil-post tal-atturi, jeċepixxu wkoll li kien intlaħaq ftehim mal-atturi biex

[6] Dok "AP4", f'paġ. 110 tal-proċess
[7] Ara Dokti.f'paġġ 125-8 tal-proċess

jagħmlu t-tiswijiet meħtieġa għal xi ħsarat li irriżultaw. Din l-eċċezzjoni tagħti ħjiel ta' ambigwita', jekk mhux ukoll kontradittorjeta', fil-linja difensjonali tal-imħarrkin;

Illi f'materja ta' xogħlijiet pubbliċi, speċjalment fejn jidħol xogħol ta' formazzjoni ta' toroq, dejjem tqum il-kwestjoni dwar il-bilanċ bejn il-ħtieġa li jsiru xogħlijiet bħal dawn u l-effett li dawk ix-xogħlijiet iħallu fuq il-ġid (privat) tal-persuni li minnhom jew minn ħdejhom jgħaddu l-imsemmija xogħlijiet. Wieħed mill-effetti huwa l-ħsarat imġarrbin hu u għaddej ix-xogħol jew wara li jkun intemm ix-xogħol, imma minħabba fih jew mill-mod kif ikun sar;

Illi huwa prinċipju ġenerali aċċettat li s-siwi ta' xogħlijiet bħal dawn huwa wieħed li jmiss l-interess pubbliku, u, bħala tali, jipprevali fuq l-interess tas-sid privat u dan sal-limiti li bnadi oħrajn tfissru bħala "solidarjeta' soċjali", jiġifieri, li l-privat iġarrab sagrifiċċju tad-dgawdija sħiħa ta' ġidu għall-ġid tal-kollettivita', magħdud huwa nnifsu[8];

Illi, madankollu, l-interess pubbliku ma jitfix dak privat għal kollox, fis-sens li jekk kemm-il darba sseħħ ħsara jew jiġġarrab telf mill-privat waqt jew minħabba l-imsemmija xogħlijiet, huwa mistenni li l-awtorita' tagħmel tajjeb għal dak it-telf jew ħsara[9]. F'każ bħal dan, ma jgħoddx l-argument li l-Gvern kien qiegħed jinqeda bi dritt li huwa tiegħu u li allura ma jistax jitqies li wettaq dannu lill-privat[10];

Illi l-kejl li jitqies biex jingħata rimedju għal xi ħsara li tista' ssir lil ġid ta' persuna privata waqt it-twettiq ta' xogħlijiet pubbliċi huwa dak li jitnissel mill-obbligu li kull persuna għandha tagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri bl-għamil (jew minħabba l-omissjoni) tagħha[11]. Fi kliem ieħor, il-bażi tar-rimedju m'huwiex ir-rabta kuntrattwali, iżda dik tal-kważi kuntratt[12] jew saħansitra tad-delitt jew tal-kważi delitt;

---

[8] P.A. TM **16.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Fiorino d'Oror Co.Ltd. vs Direttur tat-Toroq***
[9] App. Ċiv. **6.3.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Micallef noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.66**)
[10] P.A. **17.5.1902** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Gatt*** (Kollez. Vol: **XVIII.ii.171**)
[11] Art. 1031 tal-Kap 16
[12] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.637**)

Illi llum il-ġurnata huwa aċċettat li wkoll fil-qasam tad-dannu minħabba xogħlijiet pubbliċi, il-Gvern jew id-dipartimenti tiegħu ma jistgħux jinsatru wara l-iskuża tal-għamil amministrattiv. Ir-regoli tal-liġi li torbot ir-responsabbilta' tal-ħsara ma' min iwettaqha tgħodd għall-Gvern jew entitajiet pubbliċi wkoll, għaliex hija regola ta' applikazzjoni ġenerika[13]. Għalhekk, jgħoddu għalihom l-istess regoli tal-liġi li japplikaw għall-għamil privat li jwassal fi ħsara lil ħaddieħor, fosthom ukoll l-istess regoli li jeħilsu lil ħaddieħor mir-responsabbilta' għal għemilu jew nuqqasijietu[14];

Illi, b'mod partikolari, meta enti pubbliku jiġi afdat bi u fil-fatt iwettaq proġett pubbliku ta' ċertu kobor huwa mistenni li, bħal fil-każ ta' persuna privata, hija tuża l-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja kif stabiliti mill-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Din ir-regola tgħodd f'kull parti mit-twettiq tal-attivita' pubblika, jiġifieri kemm waqt it-twettiq innifsu tal-proġett li jkun, kemm waqt il-proċess ta' manutenzjoni, u kif ukoll fl-istadju tal-viġilanza u tal-kontroll[15];

Illi l-liġi teħles mir-responsabbilta' ta' xi għamil li jġib il-ħsara dak kollu li jseħħ minħabba aċċident jew minħabba forza maġġuri[16]. Madankollu, ma jitqiesx li jkun seħħ b'aċċident dak li jiġri mill-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem[17] u li, fuq kollox, ikun imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju[18] jew, għall-anqas, jista' jiġi evitat[19]. Min-naħa l-oħra, il-fatt li jitnissel minn forza maġġuri huwa dak li l-ġrajja tiegħu ma jista' jiqfilha ħadd[20];

Illi meta l-parti mixlija bi ħsara tgħid li ma kinitx taħti minħabba l-aċċident jew minħabba l-forza maġġuri, jaqa' fuqha l-piż li tipprova dawk iċ-ċirkostanzi. Dan il-piż ma

---

[13] App. Ċiv. **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogħlijiet***
[14] P.A. **3.10.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb et Micallef noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.753**)
[15] App. Inf**. 23.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Hugh P. Żammit noe et vs Direttur tat-Toroq et***
[16] Art. 1029 tal-Kap 16
[17] P.A. **17.5.1902** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech noe vs Gatt noe et*** (Kollez. Vol: **XVIII.ii.164**)
[18] App. Ċiv. **16.11.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond noe vs Busuttil pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.554**)
[19] App.Ċiv. **14.11.1919** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Arcicovich et*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.172**)
[20] App. Ċiv. **7.6.1940** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ Falzon pro et vs Darmanin pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXX.i.869**)

jitwettaqx jekk dak li jkun joqgħod biss fuq l-iskuża li ma riedx jagħmel ħsara jew li ma kellux mala fidi[21];

Illi marbuta ma' dawn il-konsiderazzjonijiet, wieħed irid jirreferi għall-kwestjoni ta' għargħar f'ġid li jkun imiss ma' toroq pubbliċi, liema kwestjoni tolqot il-qofol tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum. F'dan il-każ, l-imħarrkin iressqu 'l quddiem l-argument li, meta saret it-triq fis-snin tmenin, ma kienx hemm ħafna bini fl-inħawi u x-xogħol li kien sar fil-formazzjoni tat-triq u fil-*culvert* ta' quddiem il-bini tal-atturi kien jaħdem tajjeb. Dan, fuq kollox, jidher li jistqarruh l-atturi nfushom meta kitbu l-ewwel ittra ta' protesta tagħhom f'Lulju tal-1995. Imma, fil-fehma tal-Qorti, dan ma huwiex biżżejjed biex jeħles lill-imħarrkin mir-responsabbilta', għaliex, kif xehed Adin Bundic[22] li kien l-inġinier li ddisinja l-proġett tax-xogħol li sar fl-1995, fit-tħaffir tal-gandott quddiem id-djar tal-atturi, kien ittieħed qies tal-ilma li kellu jaqa' minn fuq il-bjut tal-bini kollu li seta' jitla' fl-inħawi. Fit-tieni lok, il-fatt li l-gandott kien jaqdi tajjeb l-għan li għalih kien sar għal numru ta' snin ma kienx raġuni tajba biżżejjed biex wieħed jibqa' jaħseb li kien sejjer jibqa' jaqdi b'mod effiċjenti l-istess għan għal dejjem. Il-fatt waħdu li l-inħawi kienu maħsuba li jkollhom żvilupp kbir messu fetaħ għajnejn min kien involut biex jipprevedi li, llum jew għada, dak l-għan ma kienx sejjer jibqa' jintlaħaq. Fit-tielet lok, il-ħsara li ġrat fil-post tal-atturi seħħet bix-xogħlijiet li kienu saru fl-1995, u mhux b'dawk li kienu saru meta twessgħet it-triq: dik il-ħsara seħħet biss ftit xhur wara li saru dawk ix-xogħlijiet, mal-ewwel xita li niżlet fl-inħawi;

Illi f'dan ir-rigward, ġie stabilit mill-Qrati li l-amministrazzjoni pubblika, bħala s-sid tat-toroq pubbliċi u tas-servizzi pubbliċi li jagħmlu minnhom, għandha tipprevedi sitwazzjonijiet determinanti, jekk mhux ukoll perikolużi, li jseħħu f'każijiet ta' fenomeni atmosferiċi, bħalma hija x-xita[23]. L-iskuża waħedha li, per eżempju, t-triq minn dejjem kienet baxxa jew li kien mistenni li l-ilmijiet tax-xita jinġabru quddiem il-postijiet tal-atturi, ma

[21] App. Ċiv. **17.11.1941** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Carabott*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.467**)
[22] Xhieda tiegħu 13.1.1999, f'paġ 146 tal-proċess
[23] App. Inf. **19.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Delia vs Segretarju Permanenti u Direttur Dipartiment tat-Toroq et***

tiswiex u lanqas iġġib fis-seħħ l-iskużanti tal-forza maġġuri;

Illi meta wieħed jifli sewwa l-provi li tressqu u l-kostatazzjonijiet magħmulin mill-perit tekniku maħtur mill-Qorti, wieħed jasal għall-fehma li s-sistema tax-xogħol tad-drenaġġ imfassal mid-Dipartiment imħarrek f'dik il-parti tat-triq quddiem id-djar tal-atturi kien wieħed ħażin billi ma kienx ilaħħaq mal-ammont ta' ilma li kien jinġama' f'dawk l-inħawi, jew li, minflok ibegħdu mill-imsemmija djar, kien jitfgħu ġo fihom[24]. Jirriżulta wkoll li tali sistema kien tfassal u twettaq mill-istess Dipartiment imħarrek[25], u dan minkejja l-ilmenti uffiċjali[26] u t-tħassib li kienu ressqu l-atturi.[27] Il-possibilta' li jaqa' ħafna ilma f'dik il-parti tat-triq kienet ukoll ċirkostanza mistennija u magħrufa sa mill-waqt li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet[28]. Fuq kollox, tirriżulta rabta diretta bejn l-imsemmija xogħlijiet u l-ġrajja tad-dħul tal-ilma fid-dar tal-atturi. Rabta daqstant diretta ntweriet ukoll bejn id-dħul tal-ilma fil-postijiet u l-ħsara li ġarrab kemm il-bini nnifsu u kif ukoll dak li kien hemm ġewwa fih;

Illi ħarġet xhieda wkoll fis-sens li, meta l-atturi ilmintaw minħabba l-ilma li daħal fi ħwejjiġhom, l-imħarrkin irrikorrew għat-twettiq ta' xogħol korrettiv bil-għan li jitneħħa l-inkonvenjent. Dawn ix-xogħlijiet rimedjali saru fil-mori tal-kawża, f'xi żmien matul l-1997. L-imħarrkin jisiltu l-argument li b'dawk ix-xogħlijiet, l-għajn tal-ħsara lill-postijiet tal-atturi kienet tneħħiet darba għal dejjem. Fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħha, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma taċċenna għax-xhieda tal-attur Anthony Psaila[29] biex turi li l-perikklu ta' ħsara kien tneħħa u dak li kien fadal kien xi ftit tal-inkonvenjent minħabba li kien jinġema' xi ilma fil-katusa l-ġdida u dan kien iġib in-nemus. Madankollu, eżami b'reqqa akbar tal-provi turi li dan m'huwiex il-każ, għaliex ix-xogħlijiet il-ġodda ma neħħewx il-problema. Dawn il-provi joħorġu kemm mix-

[24] Par 26 tar-Relazzjoni, f'paġġ. 100 tal-proċess
[25] Xhieda taċ Adin Bondic, f'paġġ. 145-8 tal-proċess
[26] Dok "AP2" f'paġġ. 107-8 tal-proċess
[27] Dok "AP1", f'paġ. 106 tal-proċess
[28] Xhieda ta' Kola Borġ 30.5.2001, f'paġ. 175 tal-proċess
[29] Paġ. 140 tal-proċess

xhieda tal-attur Psaila nnifsu, u iżjed minn hekk mix-xhieda mogħtija mill-Perit imqabbad mill-atturi, li jagħmilha ċara li, wara li ra x'kien sar, kien fehem li x-xogħlijiet il-ġodda esponew lill-ġid tal-atturi għall-possibilita' ta' stagħdir ieħor[30];

Illi dwar **l-ammont ta' dannu mġarrab mill-atturi**, il-perit tekniku wasal biex ħareġ prospett tal-ħsara mġarrba. Dan għamlu għal kull wieħed miż-żewġ postijiet tal-atturi, u kien jirrigwarda kemm il-ħsara mġarrba mill-bini nnifsu u kif ukoll mill-għamara li kien hemm fih. Ta stima wkoll tax-xogħlijiet ta' tiswija meħtieġa fl-istess żewġ fondi. L-imħarrkin jgħidu li l-perit ma għarafx ifisser kif wasal għall-ammonti likwidati ta' danni. Jgħidu wkoll lil-għamara li kien hemm fil-postijiet ma kinitx tiswa daqs kemm stmaha l-perit. Dwar dan, il-Qorti tgħid biss li jekk l-imħarrkin dehrilhom li dawn il-kostatazzjonijiet tal-perit ġudizzjarju ma kinux tajbin, kellhom għażla ta' rimedji proċedurali disponibbli biex setgħu jattakkawhom. Dawn il-possibiltajiet ma ntużawx, u lanqas ma saru mistoqsijiet dwar dan l-aspett meta l-perit tħarrek in eskussjoni;

Illi għalhekk, għall-Qorti, il-fehmiet tal-perit jikkostitwixxu prova ta' fatt tekniku li hija jidhrilha li għandha toqgħod fuqu billi ma jidhrux li huma fehmiet irraġonevoli jew barra mill-ambitu tal-ħatra mogħtija lill-istess perit meta tqabbad mill-Qorti biex jagħmel il-kostatazzjonijiet meħtieġa;

Illi l-imsemmi perit tekniku wasal biex jillikwida s-somma ta' disa' mija u erbgħin lira Maltija (Lm 940) għall-post "Perla", u s-somma ta' elf mija u erbgħġin lira Maltija (Lm 1140) dwar il-post "*Sea View*". Dawn l-ammonti, għar-raġunijiet imsemmija aktar qabel, sejrin jitqiesu bħala l-ammonti rispettivi ta' danni likwidati dwar iż-żewġ fondi tal-atturi;

Illi tinħoloq xi ftit tad-diffikulta' dwar **it-tieni talba attriċi**. Din id-diffikulta' toħroġ minħabba li l-perit tekniku ma fissirx b'reqqa kif għandu jsir ix-xogħol rimedjali mitlub mill-atturi jew x'għandu jkun. L-istess perit kien xi ftit

[30] Xhieda tal-A.I.Ċ. M.A Refalo 23.2.1998, f'paġ. 143 tal-proċess

ġeneriku meta qal li x-xogħol "għandu jsir b'mod aktar ippjanat", u żied jgħid li "b'mod effiċjenti trid tinħoloq sistema alternativa **forsi** billi aktar 'il bogħod mill-postijiet tal-atturi jsir ilqugħ ġdid sabiex minflok l-ilma jinżel u jinġabar hemmhekk, isib diġa' mod ta' zvog għall-baħar qabel ma jasal fil-punt l-aktar baxx quddiem il-postijiet tal-atturi". Ħalla possibilita' wkoll tal-bdil tal-medda tal-katusi ta' quddiem id-djar tal-atturi;

Illi, fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti jkollha tqis li, ladarba l-perit tekniku nnifsu ma kienx (jew ma setax ikun) speċifiku dwar ix-xogħlijiet meħtieġa, u biex jiġi evitat li ssir ħatra peritali oħra b'aktar spejjeż għall-partijiet, fil-provvediment li hija sejra tagħti dwar din it-talba, hija tafda fuq il-possibilita' li l-partijiet ifittxu bi qbil bejniethom l-aħjar mod ta' kif jitneħħa l-perikolu, u dan taħt is-sorveljanza tal-istess perit tekniku;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-atturi ġarrbu ħsara fil-postijiet bl-isem ta' "*Perla*" u "*Sea* View" bix-xogħlijiet magħmulin mill-imħarrkin fi Triq is-Salini, Wied il-Għajn, matul l-1995, liema ħsara għandhom jagħmlu tajjeb għaliha l-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom, billi huma jaħtu għaliha;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna li, fi żmien sittin (60) jum mil-lum, u jekk possibbli bi qbil mal-atturi, l-imħarrkin jagħmlu dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa biex jiġi mneħħi effettivament il-periklu li l-isemmija żewġ postijiet jerġgħu jistagħdru;

Għall-finijiet tat-tieni talba, **qegħda tordna** li l-imsemmija xogħlijiet isiru taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tal-perit arkitett David Paċe li, f'każ li ma jiġix reġistrat qbil bejn il-partijiet dwar liema xogħol għandu jsir jew kif għandu jsir, ikollu l-aħħar kelma dwar ix-xogħlijiet li għandhom isiru;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin fil-fond "*Perla*" fis-somma ta' disa' mija u erbgħin lira Maltija

(Lm 940), filwaqt li qegħda tillikwida l-ħsara mġarrab mill-post bl-isem ta' "*Sea View*" fis-somma ta' elf mija u erbgħin lira Maltija (Lm 1140);

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-atturi s-somom hawn fuq likwidati, bħala danni mġarrbin minnhom;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u tikkundannahom iħallsu wkoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------